Minuti tat-tletin (30) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 25 ta' Frar 2010 fil-5.30pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Viċi Sindku: Is-Sur Anthony Borg

Kunsilliera: Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Lorry Apap

Segretarju Eżekuttiv: Is-Sur Karl Vella

Persuni Oħra: Is-Sur Mario Muscat

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permess ta' talba.

## 2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħat Numru 27, 28 u 29 li saru nhar l-Erbgħa 27 ta' Jannar 2010, nhar it-Tlieta 9 u nhar is-Sibt 20 ta' Frar 2010 rispettivament mis-Segretarju Eżekuttiv. Wara li saru l-korrezzjonijiet meħtieġa dawn ġew approvati mill-membri tal-Kunsill u ġew iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku.

***Solar Water Heaters***

Għal din il-laqgħa kien mistieden is-Sur Mario Muscat, rappreżentant tal-kumpanija 'Solar Solutions'. Hekk kif maqbul fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 27, il-Viċi Sindku stieden lil din il-persuna sabiex tgħaddilna aktar informazzjoni rigward is-sistema tas-*Solar Water Heaters*. Hu għadda xi *leaftlets* u *brochures* lill-membri tal-Kunsill. Hu ħareġ mil-laqħa fis-6.15pm.

Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat ittra lill kull residenza li hawn fil-Fontana biex naraw min hu nteressat li jinvesti f'din is-sistema. Is-Sindku ppropona li fl-ittra li tintbagħat għandna nsaqsu ukoll min hu nteressat li jinvesti f'sistema ta' *solar photovoltaic* li tiġġenera l-elettriku. Il-membri tal-Kunsill qablu u s-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jintbagħtu dawn l-ittri.

## 3. QARI TAL-MEMOS, LMENTI U KORRISPONDENZA PRINĊIPALI

### (a) Ilment mis-Sur Niky Saliba

Fis-6.20pm daħal fil-kamra s-Sur Nicky Saliba, fejn hu ġab miegħu kopja ta' kont tal-Perit Attard Montalto dwar il-kejl tal-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Is-


Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Sindku kkonferma li l-Kunsill ħallas il-kontijiet dovuti lil Perit u li l-Kunsill ħallasha madwar €3,000. Il-Kunsillier Lorry Apap saqsa lil Nicky Saliba jekk il-Perit resqietx xi darba fuq il-post waqt il-kostruzzjoni, u dan ikkonferma li hi qatt ma resqet. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qata' l-5% *Contract Management Fee* mill-kont tal-bini tal-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku għax ix-xogħolijiet ġew sorveljati minnu u mill-Kunsillier Lorry Apap. Il-Perit kellha titħallas tal-pjanti tal-livelli u tal-kejl li għamlet. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur li jkun imqabbad mill-Kunsill qatt ma jħallas spejjeż ta' kejl, dan għar-raġuni li l-Kunsill iħallas l-*management fee,* normalment ta' 5%, lil Perit inkarigat. Is-Sur Nicky Saliba kkonferma dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv sab *Payment Voucher* No. 3153, li jirrigwarda pagament li sar lill-Perit Attard Montalto nhar it-30 ta' Lulju 2009 għall-ammont ta €2,907.09. Il-Kunsill ħallas *Invoice Number* 3476 għall-ammont ta' €672.82 permess ta' *cheque number* 5036, u issa s-Sur Nicky Saliba rċieva *Invoice Number* 3477 għall-istess xogħolijiet u għall-istess ammont, jiġifieri €672.82. Is-Sindku qal li l-Perita qatt ma kienet qalet lill- Kunsill li l-kont kien ser jiġi maqsum bin-nofs. Il-Viċi Sindku qal li l-aħjar hu li ninfurmaw lill-Perita li s-Sur Nicky Saliba ġie għamel l-ilment tiegħu fil-Kunsill, il-Kunsill minn naħa tiegħu diġa' għamel il-pagament, u għaldaqstant nitolbu kjarifikazzjoni.Il-membri tal-Kunsill qablu.

Is-Sur Nicky Saliba telaq mill-kamra fis-6.40pm

**(b) Memos**

| | |
|---|---|
| - Memo 23/2010 | Avviżi tal-MEPA dwar Applikazzjonijiet għal Żvilupp |
| - Memo 24/2010 | Regolamenti tal-2010 dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet |
| - Memo 25/2010 | Kuntratt dwar ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat |
| - Memo 26/2010 | Taxxa fuq l-*Allowance* lill-Kunsillieri |
| - Memo 27/2010 | Skema ta Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar<br>➯ Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill issottometta żewġ applikazzjoni tiegħu taħt din il-Memo li ħarġet nhar it-2 ta' Frar 2010 u li kienet tagħlaq nhar is-26 ta' Frar 2010. L-ewwel applikazzjoni saret għat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku bl-istima tkun maħduma mill-Perit Attard Montalto u t-tieni waħda għall-*Embellishment and Promotion of Country Walks* f'tarf Triq Għajn Tuta li twassal sa Wied il-Lunzjata (Trejqa wara d-Djar). Il-bqija tax-xogħol twettaq mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. |
| - Memo 28/2010 | Strateġija Nazzjonali dwar l-Immaġġjar tal-Iskart |
| - Memo 29/2010 | Mistoqsijiet Parlamentari Numru 13004 u 14503<br>➯ Is-Segretarju Eżekuttiv ħa ħsieb li jirrispondi dawn il-mistoqsijiet |



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

- Memo 30/2010 Regolamenti tal-2010 dwar Bord tal-Governanza
- Memo 31/2010 Ir-Riforma fit-Transport Pubbliku u l-Għoti ta' Kuntratti / Assenjazzjonijiet mill-Kunsill Lokali għal Transport Pubbliku bi Skeda
- Memo 32/2010 Skema ta' Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li tul is-sena jilqgħu fihom attivitajiet fuq skala nazzjonali u li jkunu organizzati esklussivament mill-Gvern Ċentrali
- Memo 33/2010 Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEZR) 2007-2013
- Memo 34/2010 Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-regolamenti dwar kumitati amministrattivi għal komunitajiet
- Memo 35/2010 Użu ta' Bexx u Pestiċida biex jitneħħa ħaxix ħażin
- Memo 36/2010 Kuntratti mgħotija mill-Kunsilli Lokali fl-2009
  - Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jibgħat l-informazzjoni mitluba
- Memo 37/2010 Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġemellaġġi

**(c) Korrispondenza Prinċipali**

(i) Il-Kunsill Lokali Rabat (Għawdex) bagħat id-dettalji tal-programm li ħa jsir nhar is-Sibt 6 u l-Ħadd 7 ta' Frar fl-okkażżjoni ta' Jum il-Ħajja.

(ii) MUESAC ħa torganizza seminar rigward opportunitajiet ta' fondi mill-EU għall-Kunsilli Lokali. Dan se jsir nhar l-Erbgħa 3 ta' Frar 2010 fiċ-Ċentru Ċiviku tan-Naxxar.

(iii) Irċivejna t-28 u d-29 edizzjoni tal-MUESACNews, flimkien mas-27 edizzjoni tal-*ebullettin* 'Funding 4 yEU' rigward skemi ta fondi mill-EU.

(iv) Email mingħand Kunsilli Lokali 2015 fejn għarfuna li fil-jiem li ġejjin se tintbagħat kopja tad-DVD tas-serata tal-*Local Enterprise & Green Challenge Award*.

(v) Mill-OPM irċivejna *email* fejn għarfuna li ħa jiġi organizzat *training* kors fuq l-użu tal-*email* u l-*internet* nhar il-Ħamis 11 u l-Ġimgħa 12 ta' Frar 2010.

(vi) Email mill-Awdituri tal-Kunsill (Spiteri Bailey & Co) fejn għarfuna li d-*deadline* sabiex nissottomettu l-*Financial Statements* tagħna hi nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2010. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn intbagħtu.

(vii) L-NSO qegħdin jagħmlu *survey* rigward *Research and Development* li għamlu d-dipartimenti tal-Gvern, entitajiet governattivi oħra u kunsill lokali matul is-sena 2007 u 2008.

(viii) L-ETC talbuna biex ngħatuhom *feedback* fuq il-*vacancy* ta' skrivan *part-time* li kien ħareġ il-Kunsill. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv qiegħed jaħdem siegħa anqas kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa, pero' mbagħad qiegħed jidħol xogħol is-Sibt bejn is-sebgħa u nofs u l-ħdax u nofs ta' filgħodu. Il-ħin li qiegħed jinħadem is-Sibt qiegħed jingħata bis-siegħa siegħa u nofs. Għaldaqstant il-membri tal-Kunsill qablu li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lill-ETC sabiex titwaqqaf l-applikazzjoni għal xogħol ta' skrivan *part time* bir-referenza ta *Vacancy Number* 134690.


Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

(ix) *Email* mill-Ministeru għal Għawdex bit-titlu ‘Pjazez jixgħelu bl-enerġija alternattiva’. Il-Ministeru għal Għawdex ser jagħmel proġett sabiex id-dwal kollha fil-pjazez ta’ Għawdex jibdew jiġu mixgħula b’enerġija alternattiva. Għaldaqstant il-Kunsilli Lokali għandhom jibgħatu d-dettalji lill-Ministeru. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jibgħat d-dettalji mitluba fl-*email*. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellem lil Galea and Curmi Engineering u staqsihom dwar din l-iskema. Huma nfurmawh li għall-Pjazza l-Għejjun din l-iskema ma tapplikax għar-raġuni li dawk iridu jkunu jidhru li huma qegħdin jaħdmu permess ta’ enerġija alternattiva. Dwar il-fanali ta’ fuq iz-zuntier u tat-telgħa l-isfel mill-knisja jridu jaraw x’hemm fis-suq u mbagħad jinfurmaw lill-Kunsill.

(x) Ittra mill-ETC rigward l-iskema “Xogħol fil-Komunita” fejn informawna li l-kuntratti tal-parteċipanti assenjati mal-Kunsill waslu biex jiskadu u talbuna nibgħatu r-rikjesti tal-Kunsill għas-sitt xhur li ġejjin. Is-Sindku qal li l-ETC infurmawna li s-Sur Raymond Muscat, li ngħata lill-Kunsill taħt din l-iskema, dalwaqt kien ser jintemmlu l-kuntratt ta’ sitt xhur u b'hekk ser jieqaf jaħdem għal ftit ġranet u mbagħad jerġa jintbagħat. Is-Sindku qal li ċ-*Chairman*, is-Sur Vincent Azzopardi wiegħdu li ser jibgħat persuna li tkun tista tgħin lis-Segretarju Eżekuttiv fix-xogħol amministrattiv tal-Kunsill.

(xi) Is-Sindku, flimkien mas-Sindki l-oħra Għawdxin, ġie mistieden jattendi għal-laqgħa fejn se jiġu diskussi l-opportunitajiet ta’ fondi taħt il-programmi: (a) Italy-Malta 2007-2013 (b) PPCD *Call on Energy* (c) PPCD *Call on Tourism*. Il-laqgħa ser tkun nhar il-Ħamis 18 ta’ Frar 2010.

(xii) *Email* mingħand is-Sur Joe Zahra rigward il-Wirja dwar il-Gallariji tradizzjonali tal-injam, fejn hu qiegħed jipproponi li l-wirja ġewwa l-Fontana tinżamm bejn l-10 u 16 ta’ Mejju 2010. Hu talabna biex nibgħatulu *email* biex nikkonfermaw jekk hux possibli li l-wirja tinżamm f’dawn il-ġranet; jekk le, għandna nipproponu dati alternattivi. Il-membri tal-Kunsill qablu ma’ dawn id-dati u s-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jinfurma lis-Sur Joe Zahra.

(xiii) Is-Sindku tal-Kunsill Lokali Rabat Għawdex sejjaħ laqgħa tas-Sindki ta’ Għawdex bħala reġjun nhar il-5 ta Marzu 2010 bl-Aġenda tkun: (1) skemi ta l-iskart Green Pak / Green MT (2) kuntratt tal-*Bring in sites* (3) *seminar covenant of Mayors* f’Għawdex.

(xiv) Irċivejna *draft* tal-*poster* li ser jiġi ppubblikat sabiex jippromwovi l-kunċert ‘Hora Gloriae’

(xv) *Questionnaire* mill-Malta Independent rigward l-effiċjenza tas-servizz li joffri d-Dipartiment għall-Gvern Lokali lill-Kunsilli Lokali.

(xvi) Mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rċivejna il-*January Newsletter*.

(xvii) *Email* rigward il-Polza ta’ Assigurazzjoni tal-Flus. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bgħatet il-lista ta’ kunsilli lokali li huma membri fil-*Group Money Policy*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill mhux membru taħt din l-iskema għax l-*Money Policy* li għandu l-Kunsill hi orħos minn dik offruta mill-Assoċjazzjoni.


Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

(xviii) L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ħarġu tlett sqarrijiet għall-istampa:
- Nru 1/2010 "Mandat ġdid, setgħat ġodda: tnedija tal-assemblea reġjonali tal-Ewropa msaħħa"
- Nru 2/2010 "Att Vandalu fuq il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ, Għawdex"
- Nru 3/2010 "Kumitat tar-Reġjuni: Mandat ġdid, setgħat ġodda: Michael Cohen maħtur Viċi President tal-Bureau u tal-Kummissjoni għar-Riżorsi Naturali"

(xix) Mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali irċivejna linji direttivi dwar l-użu ta' *Mobile Phones*. F'risposta għal dawn il-linji ta' gwida, is-Sur Michael Cohen (President AKL) qal li dawn il-linji jmorru kontra t-tweġiba mogħtija mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, is-Sur Natalino Attard, u mill-Onor Chris Said waqt laqgħa li saret f'Birkirkara.

(xx) Kjarifika mad-Direttur rigward it-tifsira tal-kelma 'donazzjonijiet'. Id-Direttur, is-Sur Natalino Attard, ikkonferma li l-Kunsill jista jtella' attivitajiet b'kollaborazzjoni ma' xi entita oħra peress li l-flus li joħroġ il-Kunsill ikunu l-parti tal-ħlas dovuta għall-attivita'.

(xxi) Ġejna nfurmata li l-ewwel sejħa għall-proġetti taħt il-Italy-Malta 2007-2013 *Operational Programme* se jagħlaq fil-31 ta Marzu 2010. Il-*budget* allokat għal dan il-program hu ta' €15-il miljun. Jistgħu jintbagħtu *project ideas* lil *Joint Technical Secretariat*. Barra minhekk, it-*Territorial Cooperation Unit (PPCD),* nhar it-Tnejn 22 u Tlieta 23 ta' Frar 2010 lesta tagħmel *meetings* b'mod individwali ma' min hu nteressat.

(xxii) Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat *soft copy* tal-'Kodiċi tal-Etika għar-Rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokali'.

(xxiii) Id-Direttur, is-Sur Natalino Attard, informa lill-kunsill li jekk hemm bżonn isiru aġġustamenti fuq Minuti li huma maqbula mill-Kunsill u li ma jbiddlux is-sustanza tal-istess Minuti, dawn iridu jsiru mis-Segretarju Eżekuttiv li kien responsabli u għandu jinizjalhom.

(xxiv) B'referenza għall-Memo 33/2010 bit-titlu 'Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEZR) 2007–2013' rigward il-*pre-announcement* tal-Proġetti relatati ma' l-enerġija, ġejna nfurmati li l-*Managing Authority* qed tippjana li dawn l-offerti jinharġu fl-aħħar ta April 2010.

## 4. GĦOTI TA' TENDERS

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentati l-offerti li rċieva l-Kunsill għal tenders FONT 01/2010 – *Supply, Installation, Testing and Commissioning of Photovoltaic System* u FONT 02/2010 – *Supply and delivery of decorative luminaries for Triq l-Isptar San Ġiljan, Fontana*, fuq il-mejda tal-Kunsill.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jgħaddi kopja ta' l-offerti ta' Tender FONT 01/2010 lil Galea and Curmi Engineering sabiex jagħmlu rapport fuq dawn l-offerti, dan għar-raġuni li l-offerti jvarjaw minn madwar €7,000 sa €13,000. Il-membri tal-Kunsill qablu.

Rigward tender FONT 02/2010 il-Kunsill irċieva żewġ offerti. Il-Kunsillier Horace Micallef innota li hemm differenza ta' aktar minn €7,000 bejn iż-żewġ offerti. Is-Sindku qal li l-fanali ta' Calleja Ltd huma aktar fuq stil modern. Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qablu li jaċċettaw l-offerta ta Richard Cauchi peress li huma simili ta' dawk li twaħħlu fi Triq il-Għajn dan għar-raġuni li l-parti minn Triq l-Isptar San Ġiljan hija *Urban Conservation Area.* Dawn ser jinxtraw mill-fondi tal-*Urban Improvement Fund* tal-MEPA li huma madwar €6,600, u l-kumplament mill-fondi tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li jgħaddu kopja ta' dawn l-offerti lil Galea and Curmi Engineering Consultants Ltd biex isir rapport fuq l-offerti sabiex nikkonfermaw li huma kompatibli mal-ispecifikazzjonijiet tal-offerta.

Rigward FONT 03/2010 is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li għalkemm hu u s-Segretarju Eżekuttiv għamlu pressjoni fuq il-Perit Saliba sabiex ilesti t-*Tender Document*, dan kien għadu ma għamlux u għaldaqstant ma setgħux jinġabru id-dokumenti tal-offerti. Il-Sindku ppropona li dan it-Tender għandu jerġa joħroġ. Il-membri tal-Kunsill qablu.

**5. KUNTRATT DWAR ĠBIR TA' SKART ORGANIKU**

Saret diskussjoni fil-Kunsill dwar il-Kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Organiku u ġie maqbul li wara li bħala reġjun t'Għawdex jiġi deċiż lil min ser tingħata l-offerta għal-ġbir ta' skart separat (Green MT jew GreenPak), li bħalissa qiegħed isir kull nhar ta' Tlieta u ser tiżdied ġurnata oħra fil-ġimgħa, il-Kunsill Lokali Fontana għandu joħroġ l-offerti tiegħu. Din l-offerta għandha tiġi diskussa nhar il-5 ta' Marzu 2010 f'laqgħa tas-Sindki Għawdxin li ser issir fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Rabat (Għawdex).

Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li l-Kunsill f'ħames snin kien għamel madwar €29,000 f'*defecit* fil-ġbir ta' skart domestiku bejn dak li jingħata mill-Gvern Ċentrali u dak li jonfoq il-Kunsill. Għaldaqstant is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu juża biss l-allokazzjoni tal-Gvern għall-ġbir tal-iskart għax il-fondi li għandu l-Kunsill huma limitati u l-Kunsill ma jistax joħroġ aktar fondi għall-ġbir tal-iskart. Għalhekk, hu ppropona li meta noħorġu t-*tender* għandna nitolbu l-offerti bil-ġurnata ħalli jekk l-offerti globali tkun għolja, il-Kunsill ikun jista' jnaqqas ġurnata oħra, u b'hekk il-ġbir ta' skart domestiku jsir tlett ijiem fil-ġimgħa. Dan għar-raġuni li l-quddiem hemm il-ħsieb li ssir ġurnata oħra għall-ġbir tal-ħġieġ. Il-membri tal-Kunsill qablu.

**6. MISTOQSIJIET**

Il-Kunsillier Horace Micallef saqsa lis-Sindku rigward il-kanni li twaħħlu, waħda fi Triq il-Għajn (quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill) u oħra fi Triq il-Qalb ta' Ġesu. Hu ppropona li l-Kunsill għandu jikteb lill-ADT biex jekk dawn qegħdin għalxejn, dawn għandhom jitneħħew. Is-Sindku qal li hu ġie nfurmat li dawn il-kanni twaħħlu mill-kuntrattur magħruf bħala 'Il-Magun' għax ser isir xi xogħol fi Triq Għar Gerduf, fir-Rabat Għawdex, u dawn il-kanni ser jintużaw sabiex jitwaħħlu sinjali tat-traffiku biex ikun hemm devjazzjoni tat-traffiku sakemm jitwettaq ix-xogħol.


Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

## 7. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET

Il-Kontijiet mehmużin ma' dawn il-Minuti ġew approvati mill-membri tal-Kunsill.

## 8. MATERJI OĦRA

(a) Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret is-seduta tal-Qorti dwar il-Mandat ta' Inibizzjoni dwar dawn ix-xogħolijiet quddiem il-Maġistrat Paul Coppini. Dan wara li kien sar il-Mandat, hekk kif maqbul f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill. Instemgħet ix-xhieda tad-Direttur tal-Proġetti u Żviluppi, is-Sur Joe Portelli, u tas-Sindku tal-Kunsill Lokali Fontana, is-Sur Saviour Borg. Il-Maġistrat talab li ssir laqgħa bejn il-partijiet u aġġorna s-smiegħ għall-Ġimgħa 26 ta' Frar 2010.

Nhar l-Erbgħa 24 ta' Frar 2010 saret laqgħa fl-Uffiċċju tad-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għall-Għawdex dwar ix-xogħol ta' *culvert* ħdejn il-Belvedere ta' Mulejja. Attendew id-Direttur, is-Sur Joseph Portelli, u l-Perit Angelo Portelli flimkien mas-Sindku, Viċi Sindku, l-Kunsillier Lorry Apap u s-Segretarju Eżekuttiv u wara saret żjara fuq il-post biex jiġi diskuss kif l-aħjar li jista' jsir ix-xogħol. Attenda wkoll il-kuntrattur.

Il-Kunsillier Lorry Apap ssuġġerixxa lis-Sindku li fis-seduta tas-26 ta' Frar 2010 fil-Qorti t'Għawdex, hu għandu jinsisti li l-Kunsill ma għandux x'jaqsam ma' spejjeż u l-aħħar ċertifikat tax-xogħol għandu joħroġ mill-Kunsill. Is-Sindku qal li għandna nitolbu għall-ispejjeż li ġarrab il-Kunsill sabiex għamel il-Mandat u fetaħ il-Qorti nhar is-Sibt 20 ta' Frar 2010.

Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn, 22 ta' Frar 2010 l-kuntrattur flimkien ma missieru Carmelo Attard, kien ġie l-uffiċċju tal-Kunsill sabiex jagħmel permess għax-xogħol. Kemm is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll is-Sindku nfurmawh li l-Kunsill ma setax joħroġ il-permess mitlub għax hemm proċedura sħiħa li trid issir qabel ma jinħareġ il-permess mill-Kunsill Lokali. Din trid tibda mit-*Trenching Section*. Barra minhekk issa kien hemm mandat il-Qorti. Quddiem il-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Carmelo Attard għajjar lis-Sindku. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li hu mar jagħmel rapport l-għassa tal-Pulizija tar-Rabat.

(b) Is-Segretarju Eżekuttiv għadda kopja tal-*poster* tal-Kunċert mill-kor *Schola Cantorum Jubilate* li ser jiġi organizzat fil-Knisja tal-Fontana b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali Fontana u l-Parroċċa, li ser jsir nhar is-Sibt 20 ta' Marzu 2010 fis-7.00 ta' filgħaxija. Għal dan il-għan il-membri tal-Kunsill qablu li jinħarġu €500 sabiex jittella dan il-kunċert.

(c) Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li sabiex il-kompjuter li xtara l-Kunsill ikun kompatibbli mas-software tal-MITA, il-Kunsill kellu bżonn il-programm 'Microsoft Office 2003 Professional Edition'. Is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Victor Cefai iċċekjaw ma' diversi ħwienet ġewwa Malta u Għawdex sabiex jippruvaw jakkwistaw dan il-proġramm, pero' huma ġew infurmati li dan hu 'outdated' peress li kien ħareġ il-'Microsoft Office 2007' u


Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

għaldaqstant m'għadux jinbiegħ. Il-Kunsillier Victor Cefai kellu kopja oriġinali li qatt ma kienet intużat u offra li jagħtiha lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li l-'Microsoft Office 2007' kien jiswa madwar €350. Il-membri tal-Kunsill qablu li l-Kunsillier Victor Cefai għandu jixtri xi ħaġa li tkun tiswa anqas minn €350 u l-Kunsill iħallas din l-Invoice.

(d) Il-Kunsillier Lorry Apap iddikjara li hu qatt ma rċievi medalja tad-deheb bl-arma tal-Kunsill, filwaqt li l-Kunsillier Victor Cefai ddikjara li hu kien tilifha. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jordna żewġ medalji mingħand 'Ta' Dbieġi Jewellery'.

(e) Is-Sindku nforma lill-Kunsill li:
- Issottometta l-applikazzjoni tiegħu għal Memo 21/2010 – Skema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar. Taħt din l-applikazzjoni, il-Kunsill kien qiegħed jipproponi li jibni replika tal-Għajn tal-Loġoġ.
- Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien informa lill-Kunsill li l-Kunsill għandu joħroġ offerti sabiex ikun jista jeħles mill-apparat elettroniku li m'għadux jintuża.
- Il-*floodlight* tan-Nava ta' San Mikiel inbidlet.
- Intbagħtet l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' fond 191 fi Triq il-Għajn, Fontana li ġie żgumbrat f'Jannar li għadda.
- L-avukata Angele Formosa dwar il-kawża ta' Pawla Cassar kontra l-Kunsill Lokali resqet quddiem il-Qorti l-proposta li għamel il-Kunsill fir-rigward tar-*road hump* li hemm fi Triq tal-Għajn.
- Hu ppreżenta l-applikazzjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 7/2010, Skema dwar accessibilita aħjar fil-lokalitajiet biex issir bankina ġdida li tgħaqqad il-*playing field* mal-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku.
- Saret ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta fl-okkazzjoni tal-Festa ta' San Pawl fejn fost l-oħrajn żorna l-knisja kolleġjata ta' San Pawl Nawfraġu fil-Belt Valletta u l-Mużew Wignacourt, fir-Rabat Malta, kif ukoll *shelter* u katakombi li jinsabu ġo l-istess Mużew. Attendew 37 persuna, fosthom is-Sindku, il-Kunsillier Victor Cefai u s-Segretarju Eżekuttiv.
- Hu attenda għal-laqgħa fl-uffiċċju tal-MUESAC f'Għawdex fejn ġew imfissra diversi skemi lis-Sindki tal-Unjoni Ewropea u Italia-Malta. Din il-laqgħa ġiet indirizzata mis-Sur Aldo Formosa, Segretarju tal-MUESAC f'Għawdex u s-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said.

(f) Il-Sindku ppropona li l-Kunsill jixtri xitel tas-sardinell u stella maris sabiex jitħawwlu fi Triq ta' Mulejja u jiġi mibdula dawk tat-toroq Gaspard Le Merchant u Kardinal Alessandro Franchi. Il-membri tal-Kunsill qablu.

(g) Is-Sindku ppropona li għanda issir grada fil-*Multi Purpose Room* biex it-tieqa titħalla miftuħa biex ikun hemm ventilazzjoni, u b'hekk ħadd ma jkun jista


Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

jaqbeż mil-latrina għal fejn għandna l-*Multi Purpose Room*. Il-membri tal-Kunsill qablu.

(h) Is-Sindku ppropona li tiġi organizzatta t-tieni ħarġa soċjo-kulturali tas-sena 2010 ġewwa Malta nhar it-Tlieta 30 ta' Marzu 2010, fl-okkażżjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa. Il-membri tal-Kunsill qablu.

(i) Il-Viċi Sindku qal li hu ltaqa ma' Dun Ġwann Cremona, Rettur tal-Knisja tax-Xlendi, u hu aċċetta li l-Kunsill jorganizza attivita' f'*weekend* f'Lulju. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien iddeċieda li din l-attivita' tittella' fl-20 u 21 t'Awissu 2010. Il-Viċi Sindku qal li jekk nistgħu nbiddlu d-data jkun aħjar ħalli ma jkunx hemm argumenti. Il-membri tal-Kunsill qablu li nippruvaw nagħmlu l-attivita' f'Lulju 2010 sakemm ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Bord tal-Evalwazzjoni. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-kwistjonijiet li nqalgħu rigward il-Funday organizzata mill-Kunsill Lokali Munxar u Fontana, fit-22 t'Awissu tas-sena l-oħra mar-Rettur tal-Knisja tax-Xlendi peress li kienet ħmistax-il ġurnata qabel il-festa, is-Sindku tal-Munxar kien kellem lil Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech li nfurmah li l-attivitajiet li jsiru fil-bajja tax-Xlendi huma fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali Munxar bħala l-Gvern Lokali.

(j) Il-Viċi Sindku qara l-ittra li għanda tintbagħat lis-Sindku ta' Zaffarena Etnea fi Sqallija, Dr. Russo. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jipprintja l-ittra fuq *letter head* tal-Kunsill u jgħaddiha lill-Viċi Sindku sabiex jiffirmha u wara li l-Viċi Sindku jgħaddilu l-*email address* jkun jista jibgħat *scanned copy* ta' l-ittra.

Il-Kunsillier Lorry Apap ħareġ mill-kamra fil-7.15pm.

(k) Is-Sindku qal li l-*Excess* taħt l-*insurance* li għandu l-Kunsill fir-rigward tas-serq tal-*bins* li nsterqu minn Triq il-Kardinal Alessandro Franchi kien jammonta għal €115, filwaqt li l-*bins* jiswew madwar €120 biex jinxtraw. Is-Sindku qal li l-insurance ħa tagħlaq f'Mejju 2010 u s-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li sa l-aħħar ta' Marzu jinġabru *quotations* għalihom. Huwa qal ukoll li għandna bżonn nibdlu t-tmien globi tal-fanali tat-telgħa peress li dawn huma maqsumin u meta tagħmel x-xita jinħarqu xi bozoz minnhom, kif ukoll parti mil-bażi ta' fanal fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi.

Il-Viċi Sindku telaq mill-kamra fis-7.30pm.

(l) Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li hu kien bagħat l-*Invoices* lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fir-rigward tal-Ġbir ta' Skart Separat. Hu qal lill-membri tal-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien infurmah li l-aħħar *Invoice* li kienet intbagħtitilhom kienet dik ta' Frar 2010. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv ħa ħsieb li jibgħat l-*Invoices* nieqsa u nforma lill-membri tal-Kunsill li d-Dipartiment għandu jgħaddi madwar €3,000 għal dan ix-xogħol.



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

(m) Il-Kunsillier Horace Micallef kien ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv li fuq il-*website* tal-Kunsill Lokali Fontana (www.fontana.gov.mt) kien hemm diversi Minuti tal-laqgħat tal-Kunsill neqsin. Is-Sindku qal li l-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjorina Josephine Borg kienet tgħidlu li hi kienet bgħatithom lil OS3 biex ipoġġihom fil-*website* tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jaġġorna l-*website*. Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li l-Minuti ta' fuq il-*website* tal-Kunsill Lokali (www.fontana.gov.mt) ikunu *linked* ma' dawk tal-*website* tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali (www.lc.gov.mt) ħalli b'hekk niffrankaw mill-*web space* tal-*website*, pero il-Kunsillier Victor Cefai qal li ma tistax.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.45 pm.

Laqgħa oħra issir nhar it-Tlieta 30 ta' Marzu 2010 fil-5.30pm ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fontana.

| | |
|---|---|
| Karl Vella | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt